MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 284/2005

**Elmo Insurance Ltd Bhala Surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Mariella Degabriele u l-istess Mariella Degabriele**
**Vs**

**Reno Said**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta’ Jannar 2005, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta’ mitejn u tnejn u erbghin lira sebgha u tmenin centezmu (LM242.87) dovuta kwantu ghal Lm217.87 lis-socjeta attrici u kwantu ghal Lm25 lill-attrici rapprezentanti d-danni sofferti lill-istess atturi fil-vettura ta l-attrici numru ta registrazzjoni MDG 289 meta kienet involuta f’kollizjoni ma vettura numru ta registrazzjoni GAA 519 misjuqa mill-konvenut u ghal liema incident kien l-istess konvenut unikament responsabbli.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata 23 ta Novembru 2004 u ta ohra prezentata kontestwalment ma dana l-att u bl-imghaxijiet skond il-ligi dekorribbli mid-data ta l-ewwel ittra ufficcjali kontra l-konvenut ngunta minn issa ghas-subizzjoni;

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tad-9 ta Novembru 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz id-dokument esebiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' mitejn u tnejn u erbghin lira u sebgha u tmenin centezmu (Lm242.87) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mit-23 ta Novembru 2004 u bl-ispejjes ta' dina l-istanza a karigu tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------